**Laqgha Numru 20/K6/2012**

**Introduzzjoni**

L-Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Lauro Fava, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat. **(Ara Dok. P)**

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-9 ta' Mejju 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2012.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2012.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2012.**

**05. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2012.**

**06. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2012.**

**07. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**08. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**09. Mistoqsijiet.**

**10. Korrispondenza.**

**11. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**12. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**13. Rapport Annwali Amministrattiv 2011.**

**14. Kwotazzjoni 30/2011 u 05 sa 17/2012.**

**15. Mozzjoni 01/2012 – Pubblikazzjoni ta' magazine u hatra ta' Editur.**

**16. Attivitajiet ghal Jum Pembroke 2012.**

**17. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**18. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 17/K6/2012 kif pprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2012.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2012.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 18/K6/2012 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2012.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2012.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 19/K6/2012 kif ipprezentati.

5.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

5.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2012.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-litter bins mill-Ministeru kien gabhom fil-jiem li ghaddew. Il-kelliem ippropona li kif kien gie deciz jitpoggew 4 fil-parkegg ta' hdejn il-Pembroke Athleta, 3 biswit il-Bus Shelters ta' Triq il-Mediterran u iehor fi Triq il-Mediterran in-naha ta' Triq Gabriele Henin. Il-kelliem qal li dawn ghandhom jitwahhlu mill-haddiem ta' l-ETC li jinsab assenjat mal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandha terga' ssir talba ohra lill-istess MInisteru ghal aktar bins biex jitpoggew f'postijiet ohra madwar il-lokal.

6.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

7.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 045/2012** b'rapport ta' laqghat li saret mal-YWCA u 34U dwar il-Pembroke Park **(Ara Dok. A); Internal Memo 046/2012** b'rapport ta' l-attivita' li saret ghal Jum l-Omm **(Ara Dok. B); Internal Memo 047/2012** b'rapport ta' laqgha li saret mal-Pulizija dwar Paceville **(Ara Dok. C); Internal Memo 048/2012** b'rapport ta' laqghat li saret ma' TM dwar l-Arriva **(Ara Dok. D); Internal Memo 049/2012** b'rapport ta' konferenza li saret f'Murcia (Spanja) b'konnessjoni mal-progett OSDDT – MED **(Ara Dok. E); Internal Memo 050/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 18/K6/2012 u 20/K6/2012 **(Ara Dok. F); Internal Memo 051/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 18/K6/2012 u 20/K6/2012 **(Ara Dok. G); Internal Memo 052/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Contracts Manager Raphael Carabott **(Ara Dok. H)** u Flyers dwar l-attivitajiet **(Ara Dok. I u J)**

7.02. B'riferenza ghal-Internal memo 45/2012, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jaghmel stima tax-xoghol li hemm bzonn isir biex is-sit isir Park.

7.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

7.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li 34U ser jipprovdu lill-Kunsill kopja tas-survey tas-sit biex il-Perit tal-Kunsill ikun jista' jistma x-xoghol li hemm bzonn u jaghmel BOQ.

## 08. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 7.

8.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa l-Kunsill li dwar l-OSDDT jista' jaghti l-kaz li jekk il-Griegi ma jaslux, il-Lead Partner qed jirrakkomandaw li l-Konferenza taf issir f'Malta. Il-kelliem qal li l-LP gie nfurmat li l-Kunsill jikkunsidra dan dejjem jekk ikun hemm il-fondi allokati.

8.03. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jekk kemm il-darba jkun hemm it-talba biex il-Kunsill jerga' jospita l-konferenza OSDDT u jekk kemm il-darba jinghata l-finanzjament necessarju, il-Kunsill ghandu jaccetta dan il-privilegg.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-attivita' ta' Jum l-Omm kienet success u s-servizz minn Bay Street kien vera tajjeb. Il-kelliema rrimarkat ukoll li fl-attivita' li saret ftit tal-gimghat ilu, wara li hija telqet mill-attivita' kien hemm persuni l'ilmentaw li kien hemm tibdil fit-tombla li kienet qed issir. Il-kelliema talbet spjegazzjoni ghal dan.

8.07. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fl-attivita' li qed taghmel riferenza ghaliha l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kienu baqghu prezenti huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u t-tnaqqis li sar kien biex ikunu koperti l-ispejjez.

8.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat ghal dan minhabba li sostniet li l-ispejjez kienu diga gew koperti bil-kalkoli li kienu saru.

***8.09. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-6.25pm.***

8.10. Is-Sindku Joe Zammit f'isem il-Kunsill Lokali Pembroke awgura lill-Kunsillier Lauro Fava fi tmiem l-istudju tieghu ghall-kariga t'Avukat.

## 09. Mistoqsijiet.

9.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 10. Korrispondenza.

10.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-18 ta' April u s-16 ta' Mejju 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3077/12/I** 19/04/2012 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn informaw lill-Kunsill li jixtiequ li fost l-attivitajiet li qed isiru mill-Kunsill jibdew jigu organizzati hargiet kulturali u nformaw lill-Kunsill li huma lesti jghinu fejn ikun hemm il-bzonn.

10.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3077/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza harga kulturali bl-ghajnuna u kollaborazzjoni ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn ghandhom iduru postijiet t'interess storiku. Il-kelliema qalet li d-dettalji meta ser issir l-attivita' ser jinghataw aktar il-quddiem.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3085/12/I** 19/04/2012 Email minghand l-EF International Language Centre fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex fix-xhur bejn Gunju u Awwissu juzaw il-parkegg ta' Pembroke Athleta Grounds bhala arrival/departure pick up point ghall-istudenti.

**46/3093/12/I** 19/04/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn informat lill-Kunsill li ma sibx oggezzjoni li l-EF juzaw il-parkegg ta' Pembroke Athleta bhala pick up point ghall-istudenti.

**46/3141/12/I** 21/04/2012 Email mis-Sindku Joe Zammit fejn informa lill-Kunsill li ma jsibx oggezzjoni li l-iskola ta' l-EF juzaw il-parkegg ta' fejn il-ground Pembroke Athleta bhala pick up point ghall-istudenti.

10.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3085/12/I, 46/3093/12/I u 46/3141/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li riedu risposta urgenti biex jaghmlu l-preparamenti, wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat, intbaghtet risposta mill-Kunsill bhala no objection (46/3233/12/O) bi pjanta mmarkata.

10.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

10.07. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3097/12/I** 19/04/2012 Email mill-Ispettur Godwin Scerri mill-Ghassa ta' San Giljan fejn talab biex issir laqgha ghax-xahar t'April dwar is-sigurta' fil-lokal.

**46/3570/12/I** 03/05/2012 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li ser issir laqgha t'informazzjoni bejn il-korp tal-Pulizija u l-Kunsilli Lokali nhar il-Gimgha 11 ta' Mejju 2012 bejn l-4.00pm u l-5.30pm gewwa Berga D'Aragon il-Belt.

10.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3097/12/I u 46/3570/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha giet iffissata ghal nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju fit-3.00pm gewwa l-Kunsill Lokali Pembroke riferenza 46/3655/12/O, li kien il-hin disponibbli ghall-Ispettur. B'riferenza ghal dan il-punt, il-kelliem informa lill-Kunsilliera li kien attenda ghal-laqgha msejha mill-Ministru Karm Mifsud Bonnici (korrispondenza 46/3570/12/I), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-AKL, fejn fost il-punti li tqajmu kien hemm li l-laqgha mad-diversi sezzjonijiet tal-Pulizija hija obbligatorja skond il-ligi u ghandha issir ta' l-inqas, mas-Sindku u mas-Segretarju Ezekuttiv.

10.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-istess gurnata, izda fit-3.30pm ser ikunu prezenti wkoll is-sezzjoni ta' CID.

**46/3145/12/I** 21/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet sabiex l-email li rcieva l-Kunsill minghand Ms. Faye Micallef Grimaud fejn staqsiet jekk il-Kunsill ghandux xi zewg t'ikmamar fejn isir workshop tal-musical theatre talbet sabiex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

10.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3145/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li Ms. Micallef Grimaud ghandha tigi nfurmata li minhabba nuqqas ta' spazju mhux possibbli li l-Kunsill joffri l-ispazju, izda ghandha tavvicina lill-Knisja jew lill-iskola Primarja.

10.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3151/12/O** 23/04/2012 Email li l-Kunsill baghat b'riferenza ghall-progett tal-MED Strategy fejn baghtna konferma ghal estenjoni ta' 6 xhur fuq il-progett kif ukoll baghtna l-budget reallocations.

10.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3151/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li tintalab estenzjoni ghall-progett MED Strategy.

10.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3156/12/I** 23/04/2012 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar l-uzu miz-zona tal-Park & Ride nformaw lill-Kunsill li fil-kuntratt iffirmat bejn it-TM u l-Arriva, hija l-Arriva responsabbli mill-operat tal-Park & Ride u l-operaturi jistghu jaghmlu uzu minn 20% ta' l-ispazju sabiex jipparkjaw xarabanks.

10.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3156/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha b'urgenza mad-dirigenti ta' Arriva fuq dan il-kaz u li l-Kunsill jinforma lill-MEPA li l-Kunsill mhux ser jaccetta li din iz-zona tispicca parking ghall-karozzi skartati u mkissra u jekk issir talba minn Arriva biex tuza s-sit ghal scrap yard il-Kunsill ser jirrifjuta. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk sa l-ahhar ta'

Mejju 2012 ma jkunx hemm risposta konkreta minnaha ta' Arriva fuq dan, il-Kunsill jorganizza Press Conference fil-post. Il-kelliem sostna li mhux accettabbli li din iz-zona tispicca hekk b'karozzi li mhux tajbin ghat-triq u dan meta hemm postijiet ohrajn f'idejn l-Arriva li huma l-boghod minn zona residenzjali li tista' sservi ghal 'storage' ta' dawn il-karozzi.

10.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3159/12/I** 23/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet sabiex sa nhar it-Tnejn jitwahhlu t-telefons nieqsa fil-Kunsill minhabba li huwa naccettabbli u talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill sabiex jinstab supplier iehor.

10.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3159/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

10.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-telefons li kien hemm bil-hsara, inbidlu, wara l'inxtraw ohrajn godda.

10.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jinbidel il-flushing tat-toilet li jintuza mill-pubbliku minhabba li mhux qed jahdem sewwa.

10.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3163/12/I** 23/04/2012 Artiklu li deher fuq di-ve.com dwar seba' Kunsilli Maltin li qed jippartecipaw fil-European Energy Award fosthom il-lokal ta' Pembroke.

10.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3163/12/I** is-Sindku Joe Zammit talab li ghall-beneficcju tal-Kunsill, ghandhom jinghataw aktar informazzjoni fuq dan il-programm.

10.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li dan il-progett kien qed jiehu sehem fih il-Kunsill wara laqghat u kommunikat li jidher li kien hemm bejn MIEMA u s-Sindku Joe Zammit, u eventwalment sar ukoll bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

10.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni lill-MIEMA dwar dan il-progett.

10.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3186/12/O** 23/04/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-membri tal-Kunsill fejn talabhom jibghatu l-proposti taghhom dwar il-kriterji li l-Kunsill ser juza meta jkun qed jaggudika tenders u l-kwotazzjonijiet.

10.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3186/12/O** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ad hoc fuq dan is-suggett biex isiru numru / lista ta' kriteji li jkunu jistghu jigu applikati skond l-offerti partikulari.

10.31. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

10.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3190/12/I** 23/04/2012 Email minghand Ms. Michelle Bezzina fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex nhar il-Gimgha 1 ta' Gunju 2012 torganizza BBQ bhala reunion fuq is-

sementa ta' quddiem l-iskola ta' l-ITS fi Triq Martin Luther King.

**46/3201/12/I** 23/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn nformat lill-Kunsill li hija ma sibx oggezzjoni biex isir il-BBQ mitlub minn Ms. Michelle Bezzina izda ninfurmawhom biex juzaw l-BBQ tal-gas u sabiex jithalla l-post nadif. Is-Sindku ukoll baghat li ma jsibx oggezzjoni sakemm jintuza gas BBQ u jinzamm il-post nadif.

10.33. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3190/12/I u 46/3201/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li ridu risposta urgenti biex jaghmlu l-preparamenti, wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u mal-Kunsillier Joe Brincat, intbaghtet email ta’ ‘no objection’ riferenza 46/3268/12/O. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

10.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3192/12/I** 23/04/2012 Email minghand Sierra fejn informaw lill-Kunsill bil-ktieb li ghandhom ghall-bejgh bl-isem 'Europe and the Empire' ghall-prezz ta' €50.

**46/3227/12/I** 24/04/2012 **46/3207/12/I** 23/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li l-Kunsill ircieva minghand Sierra dwar xiri ta' ktieb bl-isem 'Europe & Empire' talbet biex tkun fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

10.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3192/12/I, 46/3227/12/I u 46/3207/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jixtri kopja ta’ dan il-ktieb ghall-librerija tal-Kunsill.

10.37. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3193/12/I** 23/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtu mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**46/3747/12/I** 11/05/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet ninfurmaw lis-Sindku sabiex jissuggerixxi li jsir xi haga favur il-Kunsilliera dwar il-hlas tal-bolla tas-sigurta' socjali ghal dawk il-Kunsilliera li ma jahdmux.

10.39. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3193/12/I u 46/3747/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat anke l-Kunsillieri ghandhom jidhlu fit-tahditiet li qed isiru mill-AKL ghalhekk irrimarka li huwa ser ikun qed iressaq din il-proposta fil-laqgha li jmiss tas-Sindki. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li tintbaghat ittra ufficjalment lill-AKL u lill-Ministru fuq dan is-suggett.

10.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3197/12/O** 23/04/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-Perit Kevin Fsadni b’numru ta' works order pendenti li l-Kunsil ghadu qed jistenna twegiba fuqhom kif ukoll tlabnih jiccertifika x-xoghol li sar mill-J&K Contractors u tlabnih jikkomunika ma' Ell's Urban Services biex jitkejjel u jigi ccertifikat ix-xoghol ta' patching.

10.42. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3197/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill issejjah laqgha mal-Perit tal-Kunsill halli l-Kunsill jara ghaliex qed ikun hemm certu dewmien biex isir dak mitlub.

10.43. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3209/12/I** 23/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-ilment li baghtna sabiex issir mera fi Triq Normandy talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

10.45. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3209/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill iwahhal mera fi Triq Normandy faccata ta’ Triq il-Battalja ta’ Malta biex ikunu jistghu jaraw it-traffiku li jkun gej minnaha tal-Kunsill.

10.46. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3213/12/I** 24/04/2012 Invoice ta' €1,118.40 minghand id-Direttorat ghat-taghlim tul il-Hajja ghall-kors li sar ta' Lifelong Learning li huwa kollu issussidjat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

10.48. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3213/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

10.49. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan il-kors thallas mid-Dipartiment bhala parti mill-iskema Life Long Learning.

**46/3242/12/I** 24/04/2012 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn baghtu kopja t'avviz legali numru 63 tal-2010 - regolamenti tal-2010 dwar il-Bord ta' Governanza Lokali.

10.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3242/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3257/12/I** 25/04/2012 Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li s-seduta li jmiss tal-bord ta' l-appell tal-Perit Samuel Formosa vs Kunsill Lokali Pembroke ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Gunju 2012 fis-1.00pm gewwa d-Dipartiment.

10.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3257/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3296/12/I** 25/04/2012 Email minghand Malta Fun Trains fejn informaw lill-Kunsill bl-attivita' li l-Kunsill jista’ jorganizza fil-lokal fejn issir dawra bi train fil-postijiet storici tal-lokal stess.

10.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3296/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhala parti mill-attivitajiet ta’ Jum Pembroke l-Kunsill ghandu jorganizza dawra mal-lokal u mal-postijiet storici b’din it-train u dan sakemm il-prezz li jintalab ikun wiehed ragonevoli ghall-Kunsill.

10.53. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3297/12/I** 25/04/2012 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra li l-Kunsill baghat dwar permessi specjali lir-residenti fl-akwata ta' l-iskola, infurmaw

lill-Kunsill li tali permessi ma johorgux minn TM.

**46/3320/12/O** 26/04/2012 — Ittra li l-Kunsill baghat lill-Ghassa ta’ San Giljan fejn infurmhom li l-Kunsill qed jikteb f'isem r-residenti li joqghodu fl-akwata ta' l-iskola sabiex jinghataw pass specjali biex bhal ma jghaddu l-coaches u l-mini buses fil-hin ta' dhul u hrug mill-iskola r-residenti ukoll ikollhom access.

**46/3814/12/I** 15/05/2012 — Risposta minghand is-Sup. Stephen Gatt jinforma lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu l-ewwel johrog il-permessi lir-residenti koncernata li ghandhom vetturi fit-triq koncernata kif ukoll jara jekk ghandux jipproponi l’issir Bye Law.

10.55. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3297/12/I, 46/3320/12/O u 46/3814/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara r-risposta li l-Kunsill ircieva minghand is-Supretendent Stephen Gatt, il-Kunsill ghandu johrog il-permessi lil dawk ir-residenti registrati fit-toroq ta’ madwar l-iskola u li ghandhom il-karozza irregistrata fit-toroq milquta.

10.56. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt is-Sup. Stephen Gatt irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jesplora l-possibilita’ li jippoponi Bye Law.

10.57. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li huwa ma jarax li l-Kunsill ghandhu jaghmel Bye Law.

10.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3306/12/I** 26/04/2012 — Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn informa lill-Kunsill li cemplulu residenti minn Sit A u B ta' Triq Pietru D'Armenia u talbu biex fejn l-iskips tas-separazzjoni ssir tabella bil-hinijiet li ma jistghux jipparkjaw minhbaba l-problema ta' parkegg li hemm fl-akwata u talab li tkun diskussa fil-laqgha.

10.60. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3306/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li biex ir-residenti ta’ din iz-zona ma jehlux aktar citazzjonijiet bla sens ghax ma hemmx indikat hinijiet quddiem dawn l-iskips, il-Kunsill ghandu iwahhal tabelli li jindikaw li ma jistax isir parkegg quddiem dawn l-iskips kuljum bejn it-Tnejn u s-Sibt bejn it-8:00 u n-12:00. Is-sieghat l-ohra huma ghal uzu ta’ parkegg u b’hekk ir-residenti li jigu d-dar fil-hinijiet l-ohra jkollhom fejn jipparkjaw il-vettura taghhom. Il-kelliem ippropona li l-kuntrattur ghandu jigi nfurmat b’dan l-arrangament.

10.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandu jithalla passagg bejn il-parkegg ghal min irid jaghmel uzu mill-Bring in Site.

10.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3315/12/O** 26/04/2012 — Email li l-Kunsill baghat lis-Sindku Joe Zammit fejn infurmah li nhar il-Gimgha 4 ta' Mejju f'12.00pm ser issir laqgha mas-Sur Ivan Pierre Vella minn Transport Malta fejn ser jigi diskuss l-uzu taz-zona tal-Park & Ride u staqsejna jekk ir-residenti ghandhomx jigu nfurmata issa f'dan l-istadju jew wara l-laqgha.

10.63. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3315/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti koncernata ghandhom ikunu nfurmata bl-ezitu tal-laqgha.

10.64. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3328/12/I** 26/04/2012 — Ittra mingħand il-Verdala International School fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex issir gate t'emergenza n-naħa ta' Triq Giorgio Mitrovich aħjar min dik li hemm bħalissa.

10.66. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3328/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill għandu japprova din it-talba sakemm l-istess grada tinżamm magħluqa f'kull ħin u tinfetaħ biss f'każ t'emergenza kif ukoll sakemm l-iskola jiksbu l-permessi mingħand l-Awtoritajiet konċernata. Il-kelliem qal li jekk din tinżamm miftuħa l-Kunsill jirrevoka din l-approvazzjoni.

10.67. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3329/12/I** 26/04/2012 — Ittra mingħand Ms. Josianne Miggiani u Ms. Audrey Vella fejn talbu biex il-parking bays li hemm mal-ġenb tal-knisja faċċata tad-djar tagħhom jiġu rrangata minħabba li qed jolqtulhom il-karozzi tagħhom li jkunu pparkjata n-naħa ta' djar.

**46/3650/12/I** 07/05/2012 — Email mingħand Ms. Audrey Vella fejn bagħtet xi ritratti tal-ħsara li soffrew fuq il-vettura tagħhom għar-raba' darba u talbet biex isir xi ħaġa.

10.69. B'riferenza għall-korrispondenza numri **46/3329/12/I u 46/3650/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li biex tiġi evitata aktar ħsara fil-vetturi li qed isir minn dawk in-nies li jiffrekwentaw il-quddiesa u jiġu biex jirriversjaw lura, għandhom jitwaħħlu tabelli biex il-parkeġġ isir bil-quddiem tal-karozza l-barra u b'hekk dak li joħroġ mill-quddies isuq bil-quddiem biex joħroġ mill-parkeġġ u mhux jirriversja. Il-kelliem qal li l-unika alternattiva hija li jitnaqqsu l-parking bays u isir parkeġġ parallel mal-bankina u mhux kif hemm bħalissa.

10.70. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3381/12/I** 27/04/2012 — Ittra mingħand Ms. Mary Angel Sell fejn qed titlob kumpens ta' €50 għall-ħsara li soffriet fit-tyre tal-karozza tagħha minħabba li baqgħet nieżla ġo ħofra fi Triq Burma.

10.72. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3381/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill dan il-każ jitressaq quddiem l-avukat tal-Kunsill għall-parir legali.

10.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3400/12/I** 27/04/2012 — Email mingħand l-Appoġġ fejn talbu laqgħa mal-Kunsill b'riferenza għall-ittra li kien bagħat il-Kunsill dwar is-servizzi li joffru.

10.75. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3400/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jorganizza din il-laqgħa.

10.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3428/12/I** 30/04/2012 — Rapport tal-Bord ta' Governanza dwar il-Każ Alfred Mazzitelli 005/2012, fejn il-konklużjoni tal-Bord tgħid li – Il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli naqas skond Artiklu 11 tal-Kodiċi meta ma ddikjarax minn quddiem il-fatt li x-xogħol propost kien se jsir fil-Blokk fejn jabita hu stess u li

sussegwentament kompla jiehu sehem fid-diskussjoni dwar il-materja ghalkemm il-Bord ihoss li l-Vici Sndku kien genwinament interessat li jaghmel gid lill-Komunita' u mhux li jgawdi hu personalment.

10.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3428/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3448/12/I** 30/04/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghat is-Sindku dwar l-ittri li jinhargu mill-Kunsill talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

10.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3448/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-korrispondenza deciza mill-laqgha tal-Kunsill, l-ewwel tigi ccirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill u wara tlett ijiem jintbaghtu lil min ikunu koncernata.

10.80. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3463/12/I** 02/05/2012 Email minghand Malta with Kids fejn informaw lill-Kunsill bi progett li lloncjaw taht il-fondi ta' l-ERDF u stiednu lill-Kunsill jippartecipa billi ninfurmawhom bil-postijiet t'interess u attivitajiet li ser isiru fil-lokal li huma t'interess ghall-familji.

10.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3463/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li ssir laqgha ma' dawk koncernata fuq din l-inizjattiva.

10.83. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3469/12/I** 02/05/2012 Ittra minghand is-sur Justin Attard fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex bejn it-8 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju juzaw il-parkegg ta' fejn il-grawnd il-gdid ta' l-Athleta biex jintwerew il-loghob tal-football tal-Euro 2012.

10.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3469/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill ghandu japprova din it-talba ghal din l-attivita' kif ukoll li l-Kunsill jitlob li jiltaqa' mas-sinjur halli jaraw jekk hemmx xi tip ta' donazzjoni lill-komunita' ta' Pembroke nkluz trattament specjali lir-residenti ta' Pembroke. Il-kelliem irrimarka li ghalkemm il-Kunsill diga ta' permess lill-EF ghall-pick up point, xorta jista' jsir arrangement bejniethom fil-hinijiet.

10.86. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-organizzaturi.

10.87. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3470/12/I** 02/05/2012 Email minghand is-sur Alex Farrugia Wismayer fejn informa lill-Kunsill li qara fuq il-gazzetta li l-gvern qed jghin lill-Kunsilli biex jinfethu playgrounds maghluqa u staqsa jekk il-Kunsill hux ser jaghmel xi haga fil-kaz tal-bandli ta' Triq l-Imhallef William Harding.

10.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3470/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni fuq din l-inizjattiva.

10.90. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-sinjur ghandu jigi nfurmat li x-xewqa tal-Kunsill hija li jigi rrangat dan il-bandli izda bhalissa l-prijorita' tal-Kunsill mhux il-

bini tal-gnien izda li jinghata wicc gdid ta’ Triq Gabriele Henin u l-fondi tal-UIF huma diga marbuta ma’ Gnien Madre Teresa ta’ Kalkutta.

10.91. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3484/12/I** 02/05/2012 Ittra mill-NAO fejn baghtu kopja tar-rapport li gie ppubblikat bl-isem 'Contract Management Capabilities across Local Councils'.

10.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3484/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3532/12/I** 03/05/2012 Email minghand il-Contract Manager fejn baghat performance reports ghax-xahar ta' April fuq it-tender tal-knis tal-kuntrattur Shawn Farrugia u t-tender tal-gonna tal-kuntrattur Absolute Cleaners.

10.94. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3532/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn ir-rapporti kienu diskussa fil-laqgha li saret mal-C.M. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona biex bhal ma’ sar qabel, il-Kunsill jaccetta r-rakkommandazzjonijiet tal-Contracts Manager.

10.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija m’hijiex kuntenta bix-xoghol tal-kumpanija Absolute Cleaners Ltd. fejn fost ohrajn irreferit ghal xoghol fil-Gnien Madre Teresa ta’ Kalkutta li ghadu nofs lehja. Il-kelliema qalet li hija ser tastjeni mill-vot.

10.96. Hadd m’issekonda u ghalhekk il-proposta waqghet.

**46/3536/12/I** 03/05/2012 Email minghand l-MRRA jitlobu siti minghand il-Kunsill ghall-installazzjoni ta’ charging pillars.

10.97. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3536/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li talbu risposta urgenti, wara komunikat li ghamel mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, mal-Kunsillier Joe Brincat u mal-Kunsillier Evelyn vella Brincat, gew infurmata li l-Kunsill kien qed jirrakkomanda 3 siti – jigifieri s-sit tal-Park & Ride, Misrah il-Fortizza u l-parkegg biswit il-facilitajiet sportivi ta’ Pembroke Athleta. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

10.98. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3546/12/I** 03/05/2012 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti fejn b'riferenza ghall-appell tas-Sinjura Mary Mazzitelli dwar Tender 8/2011 informaw lill-Kunsill li l-bord ma ikkunsidrax l-appell minhabba li l-appellant ma rregistrax l-ittra t'oggezzjoni flimkien mal-hlas sa hames t'ijiem ta' xoghol mid-data ta' pubblikazzjoni.

10.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3546/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur Shawn Farrugia biex jestendi s-servizz tieghu sa l-ahhar ta’ Mejju halli jitlesta x-xoghol kollu minnaha tieghu u l-Kunsill jinforma lill-Absolute Cleaners biex jibda’ s-servizz mill-4 ta’ Gunju u b’hekk ikollu bizzejjed zmien biex jipprepara ghal dan il-kuntratt biex jibdih fl-4 ta’ Gunju. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk is-sur Shawn Farrugia ma jaccettax xorta wahda l-kuntratt ghandu jibda nhar it-Tnejn 4 ta’ Gunju 2012.

10.101. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.102. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

10.103. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/3566/12/I** 03/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar spezzjoni ta' sit wara l-STC li huwa perikoluz.

10.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3566/12/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ispezzjoni saret u jirrizulta li d-Dipartiment ser jiehdu l-passi necessarja biex is-sit fejn hemm il-passagg bl-arkati jitwaqqa' minhabba li huwa perikoluz. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kellu komunikat mas-sur Envic Galea tal-Malta Judo Feredation fejn dan infurmah li s-sit li bhalissa qed jintuza bhala parkegg mill-STC u St. Michael School, effettivament fil-passat kien informa lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli f'laqgha li kellu mieghu, li l-Judo ghamlu talba lill-Lands biex jiehdu s-sit kollu, u bhalissa qed jistenna l-approvazzjoni ghal dan.

10.105. Fid-dawl ta' dan Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li l-Kunsill joggezzjona li dan is-sit jinghata lill-privat minhabba li ser johloq problema ta' parkegg u dan fid-dawl ukoll li l-Ex Parade Ground ittiehed mill-Park & Ride. Il-kelliema rrimarkat li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ghandhom jigu nfurmata li dan huwa skond informazzjoni li l-Kunsill ircieva minghand il-Malta Judo Federation, dejjem jekk l-informazzjoni hija minnha. Il-kelliema pproponiet ukoll li jekk il-Malta Judo Federation jixtiequ jikkomunikaw mal-Kunsill ghandhom jigu nfurmata li dan ghandu jsir permezz t'ittra ufficjali.

10.106. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.107. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3578/12/I** 04/05/2012 Email minghand is-Sur Clifford Vella fejn informa lill-Kunsill bil-ktieb li ghadu kemm ippubblika bl-isem 'Leggendi, Misteri u ghajdut mill-Gzejjer Maltin' ghall-prezz ta' €9.50.

10.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3578/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jixtri kopja ta' dan il-ktieb ghall-librerija tal-Kunsill.

10.109. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

10.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3665/12/I** 07/05/2012 Email minghand l-AKL fejn baghtu stedina ghall-konferenza li ser issir nhar il-Gimgha 22 ta' Gunju 2012 gewwa l-lukanda Osborne l-Belt dwar il-Progett VIT (Very Important Twinning, Volunteering in Town).

10.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3665/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-membri tal-Kunsill ghandhom jattendu ghal din il-konferenza.

10.112. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3706/12/I** 09/05/2012 Email minghand id-Direttorat ghall-Promozzjoni tas-Sahha fejn staqsiet jekk il-Kunsill hux interessat li jorganizza programmi ta' l-Aerobics bla hlas lill-pubbliku u kull ma jrid jipprovdi l-Kunsill huwa post adegwat u tkun provduta sistema ta' muzika.

10.114. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3706/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiehu sehem u ghandha tintuza l-parking area barra l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

10.115. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.116. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3740/12/I** 11/05/2012 Kwotazzjoni minghand il-MED Developers, Designers & Consultants Ltd. ta' €15,576 ghall-provvista u nstallazzjoni ta' 10 lampi fuq poles fl-akwata tal-BMX.

10.117. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3740/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jidher li l-vot tal-Kunsill ma jippermettiex din l-ispiza, ghalhekk ippropona li ghandha ssir spezzjoni tal-post halli jigi vverifikat fejn jistaw isiru lampi mal-hitan ta’ l-iskejjel tal-madwar minflok m’arbli.

10.118. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna tal-Good Causes Fund u tas-Segretarjat Parlamentari ta’ l-isports.

10.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3749/12/I** 11/05/2012 Email minghand il-Melita FC fejn baghtu stedina ghal kulhadd ghal party ta' celebrazzjoni ghas-sena ta' success li kellhom gewwa Tugulio Car Park f'San Giljan nhar is-Sibt 12 ta' Mejju fit-3.15pm.

10.120. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3749/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

10.121. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jigu nfurmata li minhabba li kien short notice ma kienx possibbli li jattendu.

10.122. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Pembroke Athleta FC kienu saru Champions tat-3 Divizjoni tal-Football u ghalhekk ghall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb kienu kisbu l-promozzjoni ghal Divizjoni 2.

**46/3753/12/I** 11/05/2012 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-appell tas-sur Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke qed jistieden lill-partijiet sabiex jaghtu l-konferma taghhom sabiex is-sentenza tkun tista' tigi ppronunzjata.

10.123. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3753/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li d-Dipartiment diga gie nfurmat li l-Kunsill jaqbel li tinghata s-sentenza.

**46/3755/12/I** 11/05/2012 Email minghand GO plc fejn b'riferenza ghall-arblu ta' l-injam li hemm fi Triq G. Mitrovich informa lill-Kunsill li l-arblu ghandu l-cables imqabda mieghu u mhux teknikament possibbli li jitnehha ghal kollox izda l-Kunsill jista' jikseb il-permessi biex isir n-naha l-ohra tal-fence.

10.124. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3755/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

10.125. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sit wara l-fence huwa wiehed privat.

10.126. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li Go jigu nfurmata biex jinfurmaw lill-privat ghall-permess.

10.127. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.128. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda laqgha ta' dawn il-Kumitati.

## 12. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

12.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jahseb fuq il-preparamenti ghal Jum Pembroke 2012.

## 13. Rapport Annwali Amministrattiv 2011.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena Finanzjarja 2011. **(Ara Dok. K)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

13.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Kwotazzjoni 30/2011 u 05 sa 17/2012.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandhom dawn jithallew ghal darb ohra.

14.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Mozzjoni 01/2012 – Pubblikazzjoni ta' magazine u hatra ta' Editur.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tressaq il-mozzjoni.

15.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tigi diskussa Mozzjoni 01/2012. **(Ara Dok. L)**

15.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

15.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li la s'issa hadd ma jidher li ghandu c-cans, konxja li hija bicca xoghol kbira, ikun ghaqli li l-materjal li jitqassam minn zmien ghal zmien mill-Kunsill, jibda jingabar f'magazine u jitqassam f'kull dar.

15.05. Il-Kunsillier Joe Brincat staqsa jekk hemmx fondi allokati.

15.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb li s'issa m'hemmx fondi allokati fl-estimi tal-Kunsill.

15.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li jistghu jingabru reklami biex jingabru l-ispejjez.

15.08. Il-Kunsillier Lauro Fava irrimarka li hemm kumpaniji li joffru servizz li jippubblikaw il-magazine minghajr hlas u jkunu huma li jigbru r-reklami biex ikopru l-ispejjez.

15.09. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li filwaqt li jaqbel li jigi ppubblikat il-magazine, huwa ma jaqbilx li l-Editur ghandu jinbidel, izda ghandu jibqa s-Sindku. Il-kelliem talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex temenda l-mozzjoni u tissepara z-zewg suggetti.

15.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-mozzjoni hija wahda shiha.

15.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l-approvazzjoni tal-Mozzjoni 01/2012 kifipprezentata.

15.12. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

15.13. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw kontra.

15.14. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra.

15.15. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

15.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li s-Sindku Joe Zammit irid ikun l-Editur tal-magazine li ma jezistix.

## 16. Attivitajiet ghal Jum Pembroke 2012.

16.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza esebizzjoni artistika ta' skulturi ta' resident mill-lokal, esebizzjoni ta' gojjelli – semi precious stones ta' residenta mill-lokal, attivita' kulturali forma ta' mawra ghand is-sur Arnold Grech (Mellieha) li ghandu n-nahal u jipproduci l-ghasel, gurnata kulturali / edukattiva ghal Sqallija nhar is-Sibt 23 ta' Gunju 2012, attivita' forma ta' breakfast coffee morning taht ir-responsabbilita' taghha nhar l-1 ta' Gunju 2012 fejn jingabru stimi minghand id-Danish Village, Bay Street u xi kumpanija ohra.

16.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

16.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.04. Is-Sindku fakkar l-aktar kmieni l-Kunsill kien approva l'issir dawra mal-lokal bit-train tal-postijiet storici u b'diskors storiku dwar il-lokal, kif ukoll ippropona li tintalab l-ghajnuna tal-Plant Troop AFM biex issir Open Day kif ukoll jigu organizzata zjarat f'impjant ta' l-RO lill-WSC ghandha fil-lokal fejn jigi servut te' lil min jattendi. Il-kelliem ippropona li din l-attivita' ghandha ssir nhar il-Hadd l-1 ta' Lulju 2012 u ghandhom ikunu kollha nkorporati flimkien.

16.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

16.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien talab li l-Kunsill jorganizza dawra madwar Malta fuq il-Bahar u gurnata l-bahar.

16.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li la darba l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli mhux prezenti din ma tistax titressaq u dan abbazi li fil-passat meta talbet li jitressqu xi proposti fil-Kunsill u ma kienetx tkun prezenti minhabba ragunijiet personali, dawn qatt ma kienu jitresqu u l-kumment tas-Sindku kien ikun li din ma tistax titressaq fin-nuqqas taghha.

16.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa dejjem ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill talbiet li jsiru minn membri tal-Kunsill ghalkemm id-decizjoni jekk jigux diskussa jew le, finalment, hija tal-membri li jkunu prezenti.

16.10. Fid-dawl ta' l-oggezzjonijiet li kien hemm, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-proposti mhux ser jitresqu ghall-approvazzjoni ladarba l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat.

16.11. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li nhar Jum Pembroke, l-Erbgha 4 ta' Lulju, il-Kunsill ghandu jorganizza Lejla Maltija fejn l-ikel u xorb ikun provdut bi hlas filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-entertainment li ghandu jkun Band Maltija u Ghana Maltija. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jinkrew imwejjed u siggijiet apparti li jinsab caterer li lest li jipprovdi l-ikel.

16.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

16.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li kif isir kull sena l-Kunsill ghandu jaghti rikonoxximent lit-tfal ta' l-Iskola Primarja Pembroke li jispiccaw is-sitt sena skolastika kif ukoll lit-tfal li qed jippartecipaw fl-inizjattiva ta' Story Telling fejn dawn kollha ghandhom jinghataw kopja tal-ktieb li ppubblika l-Kunsill dwar l-istorja tal-lokal. Il-kelliema fakkret li ghandu jinghata rikonoxximent ukoll lis-sur Raymond Sammut kif deciz mill-Kunsill f'Minuti 25/K6/2011 item 14.52. Il-kelliema ppproponiet ukoll li l-Kunsill ghandu javvicina lill-Knisja dwar jekk jixtiequx li jipprovdu bar waqt l-attivita' bil-qligh imur kollu ghall-Knisja.

16.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandu jinghata ukoll rikonoxximent lill-Pembroke Athleta FC ghas-success miksub kif elenka aktar qabel Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kif ukoll rikonoxximent lill-Melita FC ghas-success miksub.

16.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li zmien huwa wiehed limitat u ghalhekk ser ikun prattikament impossibli li jingabru l-kwotazzjonijiet kollha kif stipulat bl-avvizi jdumu xahar fuq il-gurnali.

16.18. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandu jinkera dawl, sound, generator u jekk ikun hemm bzonn palk biex jintuza ghall-okkazjoni. Il-kelliem ippropna wkoll li jekk kemm il-darba z-zmien huwa limitat, kif ukoll fid-dawl li ebda serviz zm'huwa ser ikun aktar minn €4,658.75, il-kwotazzjonijiet ghandhom jinhargu b'urgenza u jinghataw iz-zmien minimu jew ftit aktar.

16.19. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

16.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17. Approvazzjoni tal-kontijiet.

17.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. M, N u O)**

17.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr il-kontijiet tal-J&K Contractors Ltd. minhabba li ghadhom ma gewx iccertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

17.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

17.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 18. Materji ohra.

18.01. **Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat** ipproponiet li ghandu jitnehha l-parking bay ta' MC fi Triq il-Mediterran quddiem is-Sur Pierre Gatt.

18.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

18.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.04. **Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat** ipproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel laqgha mas-sur Philip Galea (Baystreet Manager) sabiex tigi organizzata clean up the world fil-lokal.

18.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

18.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.07. **Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat** ipproponiet li jekk hemm problema sabiex is-sur Mark Abela jikwantifika x-xoghol ta' hadid u welding li kien ghamel lill-Kunsill, dan ghandu jintalab biex jikkonferma lill-Kunsill liema xoghol ghamel kemm dam mal-Kunsill minhabba allegazzjoni li qed isiru li l-Kunsill ghamel gradi tal-hadid lil xi residenti.

18.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda

18.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew il-Kunsill ircieva fattura minghand UV Print ta' €2569.14 (LM111.25) datata 2 ta' Awwissu 2007 dwar xiri ta' flokkijiet. Il-kelliem qal li huwa kien ghamel kuntatt mas-sur Victor Camilleri (minhabba li kien indikat fl-email) fejn dan infurmah verbalment li huwa kien tkellem mas-Sindku Joe Zammit u/jew mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli dwar ix-xiri ta' dawn il-flokkijiet lura fis-sena 2007 u kien inghata l-awtorizzazzjoni taghhom.

18.11. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kemm UV Print kif ukoll is-sur Victor Camilleri ta' Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill m'ghandu xejn x'jaqsam ma' dawn il-flokkijiet minhabba li safejn jaf huwa hadd mill-Kunsill qatt ma ta ordni simili.

18.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-amministrazzjoni la qatt ingabru stimi wisq aktar harget ordni ta' xoghol.

18.13. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.45pm, wara li nfurmhom li l-laqgha li jmiss ser tkun skedata ghal nhar l-Erbgha 13 ta' Gunju 2012 fil-5.30pm.

Joe Zammit Kevin Borg

***Sindku*** ***Segretarju Ezekuttiv***